# REGOLAMENTI MOTOCROSS

FRAR 2020

Tel: +356 2156 0106 Mob: +356 7927 3590 Email: gozomotocrossassociation@gmail.com
Address: 49, Civic Council Street, Victoria - Gozo

# WERREJ

**SECTION A: DEFINIZJONI** ........ 3

SEZZJONI B : REGOLAMENTI GĦAS-SEWWIEQ........ 5

SEZZJONI B1: ILBIES PROTETTIV ........ 8

SEZZJONI C : REGOLAMENTI GĦALL-UŻU TAT-TREKK ........ 9

SEZZJONI D - REGOLAMENTI GĦALL-MANUTENZJONI TAL-MUTUR ........ 12

SEZZJONI E : PUNTI MILL-HEATS........ 13

SEZZJONI F: REGOLAMENTI DWAR IL-BNADAR........ 14

SEZZJONI G : REGOLAMENTI OĦRA ........ 15

Tel: +356 2156 0106 Mob: +356 7927 3590 Email: gozomotocrossassociation@gmail.com
Address: 49, Civic Council Street, Victoria - Gozo

# REGOLAMENTI

Kull sewwieq tal-mutur li jieħu sehem fil-kompetizzjonijiet organizzati mill-'Gozo Motocross Association' (GMA) għandu l-obbligu li jsewgi dawn ir-regolamenti:

## SECTION A: DEFINIZJONI

| | |
|---|---|
| Sewwieq | persuna li tiehu sehem f'kull tip ta avveniment ta sewqan organizzat mill-'Gozo Motocross Association'. |
| Mutur | vettura iddisinjata biex tintuża fuq art mhux maħduma, bħal toroq jew binarji mhux wiċċati, u wżat speċjalment fl-'*iscrambling*'. |
| Avveniment | okkażjoni ppjanata jew kompetizzjoni organizzata mill- 'Gozo Motocross Association'. |
| Dikjrazzjoni | dikjarazzjoni li tiċħad xi ħaġa, speċjalment responsabbiltà. |
| Rinunzja | dokument li jirrekordja r-rinunzja ta 'dritt jew pretensjoni. |
| *Rotation* | il-mogħdija ta 'privileġġ jew responsabbiltà lil kull membru ta' l-assoċjazzjoni f'ordni li tirrepeti ruħu regolarment. |
| Trakka | korsa għat-tiġrijiet bil-mutur. |

Tel: +356 2156 0106 Mob: +356 7927 3590 Email: gozomotocrossassociation@gmail.com
Address: 49, Civic Council Street, Victoria - Gozo

| | |
|---|---|
| *Marshal* | uffiċjal responsabbli għas-superviżjoni ta' avvenimenti sportivi, u biex jikkontrolla folol waqt avvenimenti. |
| Uffiċjal | il-persuna inkarigata mit-tellieqa. |
| Rotta Normali | ir-rotta tipika tal-korsa tat-tiġrija. |
| Kunsens | permess biex tiġri xi ħaġa jew ftehim biex tagħmel xi ħaġa. |
| *Warm Up* | tellieqa tal-eżerċizzju mwettqa qabel l-ewwel heat ta' kategorija ta' tellieqa. |
| *Starting Line* | il-pożizzjoni tat-tluq minn fejn tibda tiġrija. |
| Tabib or *Head Nurse* | il-persuna responsabbli mit-tim mediku preżenti fil-ġurnata tat-tellieqa. |
| *Doping Test* | test imwettaq biex jiġi ċċekkjat għal kwalunkwe użu ta 'sustanzi legali jew illegali sabiex tiġi inibita jew imsaħħa l-prestazzjoni sportiva. |
| *Breathalyser Test* | test għall-istima tal-kontenut ta 'alkoħol fid-demm (BAC) minn kampjun tan-nifs. |
| *Full face* | elmu li joffri l-aktar kopertura madwar ir-ras u l-għonq u huwa meqjus bħala l-iktar tip sikur ta 'elmu għat-tiġrijiet tal-motocross |
| *Chin protector* | ċinga b'biċċa ratba li tkopri ż-żona tal-geddum tal-wiċċ, li tista 'tkun imwaħħla ma' l-elmu tal-motocross. |
| *False Start* | bidu mhux validu għal tellieqa, ġeneralment minħabba kompetitur li jibda qabel ma jingħata s-sinjal uffiċjali. |

GOZO MOTOCROSS
ASSOCIATION

Tel: +356 2156 0106 Mob: +356 7927 3590 Email: gozomotocrossassociation@gmail.com
Address: 49, Civic Council Street, Victoria - Gozo

## SEZZJONI B : REGOLAMENTI GĦAS-SEWWIEQ

1. Kull sewwieq irid jkun membru tal-'Gozo Motocross Association' bil-miżata annwali hekk kif stipulata mill-kumitat.
2. Kull sewwieq irid jirreġistra l-mutur tiegħu qabel kull kompetizzjoni, iħallas il-miżata neċessarja kif stipulat mill-kumitat u jekk is-sewwieq jonqos li jagħmel dan, ma' jkunx jista' jieħu sehem fl-attivita'.
3. Kull sewwieq irid ikollu 18-il sena biex jkun jista' isuq fit-trekk. Min ma' jkollux l'eta' meħtieġa huwa mitlub jimla' rinunzja/formola apposta ffirmata mill-ġenituri/guardians.
4. Kull kompetitur irid jiffirma rinunzja li permezz tagħha, il-kompetitur jeżonora lil GMA, l-ufficjali, l-isponsors, il-marshals u helpers taghha kollha, minn kull inkwiet jew danni li jista jiffaccja matul u/jew wara kull kompetizzjoni.
5. Kull sewwieq irid jobdi l-istruzzjonijiet ta' l-ufficjal jew marshal, kemm waqt il-kompetizzjoni kif ukoll waqt it-tahrig.
6. Kull sewwieq għandu l-obbligu li jagħti s-sehem tieghu fix-xogħol tat-trekk. Dan isir permezz ta' rotation.
7. Kull mutur irid ikun ipprezentat ghal kull kompetizzjoni skond ir-regolamenti tal-GMA
8. L-ebda sewwieq ma' jista jaqsam it-trekk biex iqassar ir-rotta jew inkella jgħaddi minn x'imkien ieħor ħlief dak indikat mil-marshal. Jekk sewwieq jitlef il-kontroll tal-

GOZO MOTOCROSS
ASSOCIATION
Tel: +356 2156 0106 Mob: +356 7927 3590 Email: gozomotocrossassociation@gmail.com
Address: 49, Civic Council Street, Victoria - Gozo

mutur u joħrog barra mit-trekk, dan irid jerġa jidħol minn fejn ħareg jew mill-eqreb post mingħajr ma' jqassar ir-rotta jew jieħu xi forma ta' vantaġġ.

9. F'każ li l-mutur iġarrab ħsarat waqt tellieqa, mhuwiex permess li s-sewwieq jbiddel il-mutur biex ikun jista jkompli jsuq.
10. Lanqas huwa permess li sewwieq joħroġ mit-trekk bil-mutur tiegħu waqt li tkun għaddejja t-tellieqa u jerġa jidħol fil-korsa biex ikompli jipparteċipa.
11. La s-sewwieq u lanqas membri mill-pubbliku ma' jista jidħol fit-trekk ghal ebda raguni mingħajr il-permess ta' l-uffiċċjal inkarigat.
12. Is-sewwieq qatt ma' jista jsuq kontra id-direzzjoni normali tat-trekk. Jekk sewwieq jidħol waqt li tkun għaddejja xi tellieqa oħra u ma' jkollux il-permess mingħand l-uffiċċjal inkarigat mill-attivita' tal-ġurnata, dan jiġi skwalifikat immedjatament.
13. Jekk l-imġieba ta' xi sewwieq ma' tkunx skont l-ordni u r-rispett lejn l-uffċċjali, dan jista' jiġi skwalifikat.
14. Kull sewwieq għandu jinżel għal '*warm up'* li jsir qabel l-ewwel *'heat'* ta' kull kategorija. Min ma' jinżilx fil-ħin jitlef l-opportunita li jagħmel *'warm up'*.
15. Jekk sewwieq ma' jkunx preżenti fuq il-*'gate'* u lest fuq l-*'istarting line'* f'mhux aktar minn żewġ (2) minuti minn x'ħin jingħata is-sinjal, dan jiġi eliminat għal dik it-tiġrija biss.
16. Jekk sewwieq iweġġa', dan irid joqgħod għall-ordni tat-tabib jew *'head nurse'* tal-ġurnata.
17. Il-Kumitat izomm id-dritt li jzid, inaqqas jew jibdel xi regolamenti skond kif ikun mehtieg matul iz-zmien. Dawk ir-regolamenti miftehma huma obligatorji daqs dawk miktuba.

Tel: +356 2156 0106 Mob: +356 7927 3590 Email: gozomotocrossassociation@gmail.com
Address: 49, Civic Council Street, Victoria - Gozo

18. Il-Kumitat izomm id-dritt li jnaqqas in-numru ta' tigrijiet jew laps skond il-htiega tal gurnata.
19. Il-Kumitat izomm id-dritt li jista jirrifjuta xi sewwieq milli jiehu sehem f'xi attivita jekk jidirlu li 's-safety' tas-sewwieq tista tkun f'periklu, jew il-mutur mhux skond ir-regolamenti tal-GMA.
20. Jekk sewwieq jigi konfermat li jkun taht l-effett ta' sustanza legali jew illegali, dan ma jithalliex jiehu sehem fl-attivita. Huwa jista jigi ippenalizzat mill-Kumitat Ezekuttiv.
21. Kull sewwieq jista jigi mitlub joqghod ghal 'Doping Test' jew breathiliser test, b'approvazzjoni tal-kumitat.
22. Il-kundizjoni fizika tas-sewwieq trid tkun tajba, u dan irid ikun ikkonfermat min team mediku jew l-ufficcjali tal GMA.
23. Protest jista jsir bil-miktub, mill-kompetitur tal-gurnata biss, mhux aktar tard minn 30 minuta wara li tispicca l-kompetizzjoni. Kull protest irid ikun akkumpanjat b'depozitu ta' €50.00, liema depozitu jintilef jekk min ressaq il-protest jinsab li ma ghandux ragun.

Tel: +356 2156 0106 Mob: +356 7927 3590 Email: gozomotocrossassociation@gmail.com
Address: 49, Civic Council Street, Victoria - Gozo

## SEZZJONI B1: ILBIES PROTETTIV

Is-sewwieq għandu jilbes ilbies protettiv kemm waqt it-tahrig, kif ukoll waqt il-kompetizzjonijiet.(ara hawn taht)

a. Helmet - Is-Safety Helmet, (Tip tal-MX) Irid ikun ta' kwalita tajba, tinqafel tajjeb, tat-tip Full-Face u b'Chin Protector. **Dan irid ikun immarkat bit tabelli ta' Standards konformi mal-FIM - ECE 22 - 05 (P, NP or J), JIS T 8133:2007, JIS T 8133:2015, SNELL M2010, SNELL M2015.**
b. Boots apposta maghmul ghal MotoCross
c. Flokk bil kmiem twal
d. Qalziet twil bil-paddings
e. Chest and back protector
f. Neck protector
g. Elbow / knee protector
h. Eye protector – goggles apposta

Tel: +356 2156 0106 Mob: +356 7927 3590 Email: gozomotocrossassociation@gmail.com
Address: 49, Civic Council Street, Victoria - Gozo

## SEZZJONI C : REGOLAMENTI GĦALL-UŻU TAT-TREKK

1. Kull sewwieq għandu l-obbligu li jagħti sehemu fix-xogħol tat-trekk. Min zmien ghal zmien, is-sewwieqa jigu mhegga biex jigbru l-gebel mill-korsa.Dan isir permezz ta rotation.
2. It-trekk tigi mahruta is-Sibt filghaxija lejlet il-kompetizzjoni jew kmieni il-Hadd filghodu u tigi mxarrba l-Hadd stess.
3. Kemm il-darba l-kompetitur ma' jsegwix l-istruzzjonijiet tal-uffiċċjal jew tal-marshal, dan jitlef 5 punti mit-total tal-heats tal-ġurnata. Dan jista jbiddel il-pożizzjoni finali tal-klassifika.
4. Jekk is-sewwieq jiqaflu l-mutur fl-aħħar lap, jiġifieri ikun għadda minn quddiem il-bandiera tas-salib, għandu d-dritt li jimbotta l-mutur tiegħu sal-Finish biex ma jitlifx il-punti ta' dik il-heat Huwa mportanti ħafna li jagħmel hekk bil-galbu, jimxi mal-ġenb tal-korsa u mhux jimblokka t-triq.
5. Fuq it-tluq, kull sewwieq għandu l-obbligu li jżomm il-mutur tiegħu fil-linja mal-muturi l-oħrajn u mhux jiprova jieħu vantaġġ billi joqgħod aktar lura. L-ufficjal tal-gurnata għandu dritt li ma jibdiex it-tellieqa qabel ma jkun kulħadd f'linja waħda.
6. Hekk kif kull sewwieq jikkonferma mal-ufficcjal li huwa lest għat-tluq, tintwera l-board li turi 15 il sekonda. Hekk kif tiddawwar il board ghal 5 sekondi, tinżel il-gate u t-tellieqa m'għandix tieqaf jekk xi sewwieq jew ieħor jintfilu l-mutur. It-tellieqa għandha tieqaf biss jekk ikun hemm false start.
7. False start – it-tigrija tista titwaqqaf ma l-ewwel lap.

Tel: +356 2156 0106 Mob: +356 7927 3590 Email: gozomotocrossassociation@gmail.com
Address: 49, Civic Council Street, Victoria - Gozo

8. Kull marshal point mistenni li jkollu żewġ (2)persuni, wieħed biex iżomm il-bandiera u l-ieħor biex jgħin lis-sewwieq jekk dan ikollu xi diffikulta'. Dawn mistennija li jilbsu il-bibs meħtiega sabiex ikunu jingharfu.
9. Il-marshal jista' jinżel ħdejn is-sewwieq waqt il-kompetizzjoni fit-trekk meta s-sewwieq jkollu bżonn xi għajnuna medika jew biex jgħin lis-sewwieq iqum jekk ikun inqabad taht il-mutur.
10. Jekk l-ufficjal tal-gurnata jwaqqaf it-tellieqa minhabba xi raguni jew ohra, din tista terga ssir jekk ma jkunx ghadda aktar minn nofs il-hin tal heat kollha. Ikun hemm mistrieh ta 15 il minuta qabel tigi rrepetuta.
11. Jekk it-tellieqa titwaqqaf wara li jkun ghadda nofs il-hin tal-heat, it-tellieqa ma tergax issir u jittiehdu l-punti skont l-ahhar lap kompluta.
12. F' kaz li l mutur igarrab hsarat waqt tellieqa mhux permess li s-sewwieq jibdel il-mutur biex ikun jista jkompli jsuq. Lanqas huwa permess li sewwieq johrog mit-trekk bil-mutur tieghu waqt li tkun ghaddejja t- tellieqa u jerga jidhol fil-korsa biex ikompli jippartecipa.
13. Waqt it-tellieqa ma jistax jinghata petrol, ilma, sparking plugs ecc.
14. Kull sewwieq ghandu l-obbligu li jwaqqaf xi membri tal-pubbliku li jinzlu bla permess fit-trakka biex jaghtuh l-ghajnuna. Jekk jigri dan, jitnaqqsu 5 punti minn dik il-gurnata.
15. Jekk jinqala inċident waqt it-tellieqa, u t-tellieqa jkollha tieqaf biex jidħol it-tim mediku, din ma terġax tirrepeti ruħha jekk l-inċident iseħħ wara in-nofs tan-numru ta laps ta dik il-heat + waħda. It-tellieqa tieqaf meta l - president iwaqqafha minħabba li s-sewwieq ma jqumx mill-art.

Eż: Class D u Ċ fiha 7 laps. Ghaldaqstant t-tellieqa ma terġax tirrepeti ruħha jekk ikunu għaddew 3 + 1 - 4 laps. Class B fiha 8 laps. Allura t-tellieqa ma terħax tirrepeti ruħha jekk ikunu għaddew 4 + 1 - 5 laps. Class A fija 10 laps. Allura t-tellieqa ma terġax tirrepeti ruħha jekk ikunu għaddew 5 + 1 – 6 laps.

Il-punti jingħataw skont kif ikunu għaddew is-sewwieqa wara xulxin mill-Finish.

Tel: +356 2156 0106 Mob: +356 7927 3590 Email: gozomotocrossassociation@gmail.com
Address: 49, Civic Council Street, Victoria - Gozo

## SEZZJONI D - REGOLAMENTI GĦALL-MANUTENZJONI TAL-MUTUR

Sabiex mutur ikunu eliġibbli għall-użu fit-trekk, is-sewwieq għandu jiċċekja:

1. Brakes ikunu jiffunzjonaw individwalment fuq ir-rota ta' quddiem u ta' wara f'kundizzjonijiet normali.
2. Mudguards jkunu hemm it-tnejn
3. Hġieg ma' jkunx imwaħħal ma' ebda parti tal-mutur.
4. Gass jkun fuq sistema li jirritorna waħdu.
5. Numri jkunu mwaħħla; wieħed fuq quddiem u wieħed fuq kull genb tal-mutur.
6. Tyres ikunu tat-tip 'off-road' u mhux tat-triq. It-'tyres' iridu jkunu preferibbilment bit-tubu u d-disinn jkun jew 'grooves' jew 'bocks' u jkun fihom mhux inqas minn 3mm ta' lastiku fl-aktar parti baxxa.
7. Rims tar-roti jkunu f'kundizzjoni tajba u mingħajr 'spokes' neqsin jew maqtugħin.
8. Is-seat, tal-mutur irid ikun f'kundizjoni tajba u marbut sod mal-frame.
9. Il-levers ta' fuq il-handle bar irid ikunu ta' kwalita tajba u jkollom il-bocca fit-tarf.

Tel: +356 2156 0106 Mob: +356 7927 3590 Email: gozomotocrossassociation@gmail.com
Address: 49, Civic Council Street, Victoria - Gozo

## SEZZJONI E : PUNTI MILL-HEATS

| POST | PUNTI | POST | PUNTI |
|---|---|---|---|
| 1st | 20 | 6th | 9 |
| 2nd | 17 | 7th | 7 |
| 3rd | 15 | 8th | 5 |
| 4th | 13 | 9th | 3 |
| 5th | 11 | 10th | 1 |

1. Kull event organizzata fit-trekk ikun fiha 9 tlielaq. Dawn jinqasmu fi 3 klassijiet – A, B u C. Kull klassi fiha 3 heats.
2. Il-punti ta' kull heat jinghataw skont liema pozizzjoni jkun dahal is-sewwieq dejjem wara li jghaddi l-bandiera tal-Finish. Jekk is-sewwieq ma jghaddix minn quddiem il-bandiera tal-Finish, dan ma jinghatax punti ghal dik il-heat.
3. Il-premijiet jingħataw lill min jigi fl-ewwel tlett postijiet f'kull klassi.
4. Il-punti tal-heats huma l-istess ghall-kampjonat. Jekk fit-tellieqa jkun hemm sewwieqa li ma jkunux parti mill-kampjonat, dawn jinghataw l-punti massimi ta dik il gurnata. Izda meta jigu biex jinghataw il-punti ghall kampjonat, dawk is-sewwieqa jitqiesu li ma ppartecipawx u ghaldaqstant il-punti massimi jimxu ghand dak is-sewwieq li jkun hallas il-kampjonat.
5. Jista jkun hemm il-possibilta li zewg sewwieqa jgibu l-istess ammont ta punti meta jinaghad it-total tal-gurnata. Ghaldaqstant meta jigri hekk, dak is-sewwieq li jkun gab l-akbar ammont ta punti fl-ewwel heat tal-gurnata jkun ir rebbieh.

Tel: +356 2156 0106 Mob: +356 7927 3590 Email: gozomotocrossassociation@gmail.com
Address: 49, Civic Council Street, Victoria - Gozo

## SEZZJONI F: REGOLAMENTI DWAR IL-BNADAR

| Tip/Kulur | Ordni |
|---|---|
| Bandiera Nazzjonali | Tluq minn wara l-*'gate'.* |
| Ħamra | Periklu fil-korsa u kulħadd għandu jieqaf u jitfi l-mutur fejn ikun. Tintwera wkoll meta jkun hemm xi *'False Start'*. |
| Ħadra | Korsa normali mingħajr ebda perikli. |
| Blu Fissa | Ħalli lil ta' warajk jaqbżek għax qed jgħaddik b'dawra jew huwa veloċi ħafna aktar minnek. |
| Blu Tperper | Issakkar lil ħadd. |
| Safra Fissa | Periklu fil-korsa. Suq b'attenzjoni kbira u naqqas il-veloċita'. |
| Safra Tperper | Diffikulta jew periklu fil-korsa. Naqqas il-veloċita' u ħadd ma' jista jaqbeż lil ta' quddiemu. Min jaqbeż fuq il-bandiera safra tperper jitnaqqsulu 5 punti. |
| Sewda b'cirku mimli abjad fin nofs | Warning-jekk tintwera din il-bandiera, sinjal li ma kontx sportiv u kien hemm sewqan perikoluz. F'dan il-kaz jitnaqqsu 5 punti. |
| Sewda | Jekk tintwera din il-bandiera, is-sewwieq jigi skwalifikat għal kumplament ta' dik il-ġurnata. Huwa irid jghabbi l-mutur u jilaq l hemm. |
| Bajda b'Salib Iswed Djagonali | L-aħħar dawra. |
| *Checkered (*Bajda u Sewda) | Tmiem il-heat jew it-taħrig. |

GOZO MOTOCROSS
ASSOCIATION
Tel: +356 2156 0106 Mob: +356 7927 3590 Email: gozomotocrossassociation@gmail.com
Address: 49, Civic Council Street, Victoria - Gozo

## SEZZJONI G : REGOLAMENTI OĦRA

1. L-organiżżaturi m'humiex responsabbli għal xi inċident li jista' jinqala' fit-trekk, kemm waqt it-tahrig kif ukoll waqt il-kompetizzjonijiet.
2. Kull membru sewwieq huwa obbligat li jattendi ghal laqghat li jsiru u għandu dritt li jgħid u juri l-ideat tiegħu waqt din il-laqgħa.
3. Kull sewwieq għandu l-obbligu li jagħti sehemu fix-xogħol tat-trekk. Dan isir permezz ta' rotation.
4. Il-kumitat ta' l-assoċjazzjoni iżomm id-dritt li jżid, inaqqas jew ibiddel xi regolamenti skond kif ikun meħtieg matul iż-żmien. Dawk ir-regolamenti mifthema huma obbligatorji daqs dawk miktuba.
5. L-kumitat ta' l-assoċjazzjoni iżomm id-dritt li jnaqqas in-numru ta' tiġrijiet jew *'laps'* skond il-ħtiega tal-ġurnata.
6. Il-kumitat organiżżattiv iżomm id-dritt li jwaqqaf sewwieq jew sewwieqa milli jieħdu sehem f'xi attivita jekk jidirlu li hemm xi nuqqas ta' responsabilta' li tista' tkun ta' periklu għas-saħħa tiegħu jew ta' l-oħrajn.
7. Id-dati tal-kampjonat tal-motocross ikunu approvati mill-Kumitat Ezekuttiv ta' l-Assocjazzjoni. Il-kampjonat ikun ta' mhux inqas minn seba (7) *'events'* sakemm ma' jkunx hemm raġuni valida biex dan in-numru jitnaqqas.
8. F'każ ta' nuqqas ta' qbil waqt il-kompetizzjoni, id-deċiżjoni tal-kumitat hija dik finali.

TMIEM